MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 327/2013

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 245/13 fl-ismijiet:

**HSBC BANK MALTA p.l.c.** (C – 3177)

vs

Alexander **BOICIUC**, magħruf ukoll bħala Alexander Boichiuck u Kristina Ilcenkaite

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrat eżekutat Alexander Boiciuc (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) fit-8 ta’

April, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab (a) li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrih (u terza persuna oħra) fuq talba tal-Bank intimat eżekutant (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutant"), għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutant għall-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' April, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant u tatu żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu għat-talbiet tar-rikorrent eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Bank eżekutant fit-22 ta' April, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissrin, laqa' għat-talbiet tal-eżekutat billi qal li la hemm raġunijiet għalfejn il-Mandat għandu jitħassar u lanqas biex il-Qorti timponi kontrih il-penali talli talab il-ħruġ tal-Mandat;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent eżekutat qiegħed jitlob it-tneħħija minn fuqu għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tiegħu (u ħaddieħor) mill-eżekutant. Għalkemm fit-talbiet huwa jsemmi speċifikatament żewġ kawżali biss minn fost dawk maħsuba fl-artikolu 836(1), jidher li fil-premessi tar-Rikors promotur, huwa jirreferi wkoll għal kawżali oħra. Huwa qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas ta' penali;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati (u persuna oħra) fil-21 ta' Frar ta' din is-sena. Il-Mandat

inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' mija u sitta u sebgħin elf euro (€ 176,000) bħala "ammont dovut mill-intimati rappreżentanti danni kollha li ġew sofferti mill-Bank sekwestrant minħabba l-aġir doluż u frawdolenti tal-konvenuti, jew min minnhom, liema talba qegħda tiġi dedotta permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat kontestwalment ma' din il-proċedura". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil ħdax-il (11) entita' bħala sekwestratarji, wħud minnhom banek kummerċjali. Waħda mill-Awtoritajiet sekwestratarji ddikjarat li ma kellha l-ebda flejjes jew assi tal-eżekutat f'idejha, iżda għarrfet li kienet sejra żżomm it-trasferiment ta' kull vettura li l-eżekutat kellu f'ismu taħt ir-reġistri tagħha. Kif ingħad fil-Mandat, dak inhar ukoll l-istess eżekutant fetaħ kawża kontra l-eżekutat, kontra l-persuna l-oħra li kontriha nħareġ il-Mandat u kif ukoll kontra persuna oħra (li ma kenitx intimata fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura)[1];

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ,</u> jidhrilha xieraq li tgħaddi osservazzjoni fattwali li toħroġ mill-atti tal-Mandat innifsu. Din tirrigwarda l-fatt li fl-att tal-Mandat, il-Bank eżekutant (bħala kreditur tal-intimati) qatagħha li jindika lilu nnifsu wkoll bħala wieħed mis-sekwestratarji. Issa huwa magħruf u dwar dan il-liġi titkellem ċar biżżejjed li l-għan ta' Mandat ta' Sekwestru huwa sewwasew dak li jiżgura li ġid jew assi tad-debitur eżekutat li **jkunu jinsabu f'idejn terza persuna** jinżammu minn tali terza persuna qabel ma jgħaddu għandu id-debitur. Ma jidhirx li l-Mandat ta' Sekwestru (kemm kawtelatorju u kemm eżekutiv) jixraq li jintuża mill-kreditur biex jikseb ordni minn Qorti fuqu nnifsu biex iżomm f'idejh ġid jew assi tal-kreditur tiegħu nnifsu[2]. Iżda f'dan il-każ hekk sar, u l-Bank eżekutant (li l-Mandati u atti ġudizzjarji joħroġhom f'għadd konsistenti kuljum) messu ħares dan il-prinċipju u qies din iċ-ċirkostanza qabel ma talabha, għaliex b'hekk sata' jagħti 'l wieħed x'jifhem li bis-saħħa ta' att kawtelatorju ried jilħaq għan li l-liġi ma taħsibx għalih;

---

[1] Rik. Nru. 175/2013JRM (imħollija għar-rapport għat-3.10.2013)
[2] Ara art 375 u 849 tal-Kap 12

Illi issa l-Qorti tgħaddi biex tqis il-kawżali tat-talbiet tal-eżekutat. Kif ingħad qabel, għalkemm fl-ewwel paragrafu tar-rikors tiegħu l-eżekutat isemmi tliet (3) kawżali li fuqhom jitlob it-tħassir tal-Mandat, fl-ewwel talba jsemmi biss tnejn. Kif osserva l-Bank eżekutant fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-Mandat ma nħariġx biss kontra l-eżekutat waħdu filwaqt li l-ewwel talba ssemmi biss il-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(d) u (f). Il-Qorti tagħraf is-siwi ta' dawn is-sottomissjonjiet. Dwar l-ewwel waħda, tqis li ladarba l-Mandat inħareġ kontra aktar minn persuna waħda, it-talba li ssir minn parti waħda eżekutata ma jistax ikollha l-effett li tgħin jew tgħodd ukoll għal xi persuna oħra li kontra tagħha wkoll ikun inħareġ il-Mandat. Għalhekk, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, jekk kemm-il darba t-talba tal-eżekutat kellha tintlaqa', dan ikollu l-effett biss li jħassar il-Mandat safejn jirrigwarda lill-eżekutat u mhux ukoll lill-persuna l-oħra li kontriha nħareġ. Dwar it-tieni sottomissjoni, l-Qorti tagħraf li formalment fl-ewwel talba tiegħu, l-eżekutat invoka żewġ kawżali biss mill-artikolu 836(1) minflok tlieta. Din il-Qorti, iżda, bla ma teħel ma' formaliżmi żejda, sejra tqis ukoll dak imsemmi dwar it-tielet kawżali, minħabba li jidher li n-nuqqas ta' tismija tiegħu fl-ewwel talba kien biss il-frott ta' żball tal-kitba. Kemm hu hekk, l-istess Bank eżekutant ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu dwar din il-kawżali wkoll;

Illi kif ingħad, f'dan il-każ ir-rikorrent eżekutat jibni t-talbiet tagħhom fuq tliet (3) kawżali:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. L-eżekutat jgħid li din il-garanzija toħroġ minn kont bankarju li huwa jżomm mal-istess eżekutant fl-ammont ta' madwar wieħed u ħamsin elf euro. Jidher li dan il-kont infetaħ xi ġimgħa wara li nħareġ il-Mandat u huwa depożitu miftuħ għal żmien sitt (6) xhur. Il-kont jista' jiġġedded;

Illi min-naħa tiegħu, l-eżekutant jisħaq li l-imsemmi depożitu m'huwa garanzija alternativa xejn u wisq anqas garanzija tajba. Minbarra li s-somma hija ftit anqas minn terz tal-kreditu pretiż mill-Bank eżekutant, ħareġ ukoll li l-

eżekutat innifsu lanqas semma x'ġid ieħor sata' għandu biex bih jista' jserraħ moħħ l-eżekutant biex jerħi l-Mandat;

Illi Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent eżekutat ma seħħlux juri l-eżistenza ta' garanzija alternativa xierqa li dwarha t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat tista' tintlaqa'. Mhux biss il-kont bankarju huwa f'somma li hija wisq anqas mill-ammont pretiż mill-eżekutant, iżda ħareġ ukoll li l-eżekutat lanqas ta ħjiel ta' xi ġid jew assi ieħor tiegħu li bih il-Qorti tista' taċċetta li l-Mandat jista' jitneħħa. Lanqas ma jgħodd l-argument tiegħu li l-Bank eżekutant jista' dejjem jinqeda bl-ipoteka li jgawdi fuq il-post li huwa kien biegħ lil terzi. Dan jingħad għaliex irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha. L-ipoteka li jsemmi l-eżekutat torbot ġid ta' terzi u mhux ħwejġu u dan il-jedd kien jinsab vestit fl-eżekutant sa minn qabel ma ntalab u nkiseb il-ħruġ tal-Mandat;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[3]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[4];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutat jgħid li l-pretensjoni tal-eżekutant hija, mad-daqqa t'għajn, waħda fiergħa. Huwa jgħid li l-eżekutant ma jistax jindirizza l-pretensjonijiet tiegħu lejh u kien imissu qagħad b'seba' għajnejn qabel ħa r-riskju u ħareġ il-faċilita' bankarja favur min talabhielu u mhux, wara, jisgħob bih li jkun ħa riskju ħażin u jibda jdur għal terzi persuni. L-eżekutat jgħid li huwa ma jistax jinżamm responsabbli għal deċiżjoni kummerċjali li ħa l-Bank eżekutant;

---

[3] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[4] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

Illi l-eżekutant iwarrab dan l-argument u jisħaq li kien il-qerq imħaddem mill-eżekutat li wassal għal din il-qagħda. Huwa jżid jgħid li f'dan il-waqt, ma jistax jingħad fuq livell *prima facie* li l-pretensjoni kontra l-eżekutat hija waħda fiergħa jew eċċessiva;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[5];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[6];

Illi l-Qorti m'hijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi quddiem il-Qorti meta sejra tisma' l-kawża fil-mertu. Ix-xilja li qiegħed jagħmel il-Bank eżekutant żgur m'hijiex waħda li wieħed jista' jqis bħala fiergħa. Minbarra dan, jidher li hemm ċirkostanza probatorja li tinsab fl-atti[7] li turi li l-eżekutat kellu sehem mhux ċkejken f'dak li seħħ u x'aktarx kien jaf sewwa x'kien għaddej. L-argument tal-

[5] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[6] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

[7] Dok "HSBC Z" f'paġġ. 16 – 7 tal-atti

eżekutat, għalkemm jista’ ’l quddiem ikun siewi fis-smigħ tal-kawża u wara li jitressqu l-provi, ma jistax għalhekk jitqies bħala tajjeb fih innifsu biex iwassal lil din il-Qorti biex tilqa’ t-talba tiegħu u tħassar il-Mandat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutat taha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m’huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma fil-kawżali ta’ qabel mill-eżekutat;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, ’il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m’għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’ kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b’mod vessatorju jew fieragħ[8]. Allura, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kwestjoni ta’ jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa’ (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[9]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem “jinżamm” u “aktar meħtieġ” li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m’għadux il-każ;

Illi ladarba l-eżekutat ma jsemmi l-ebda raġuni oħra li tista’ twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi ta’ din it-talba tiegħu, l-

[8] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[9] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutat seħħlu jagħtiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[10];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[11], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[12]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[13];

Illi f'dan il-każ, fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent eżekutat jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(b) u tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien

[10] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[11] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[12] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[13] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***

ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[14], u biżżejjed tkun waħda verbali.  Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent eżekutat ma weriex kif il-Qorti tista' tasal biex timponi l-penali fuq il-Bank eżekutant taħt din ir-raġuni.  Minbarra li ma jsemmix x'inhi r-raġuni, ħareġ li l-eżekutant ma kienx naqas milli jitlob lill-eżekutat biex jirregola l-qagħda tiegħu. Lanqas ma wera l-eżekutat li l-eżekutant kiser id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-imsemmi artikolu qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat, li, biex wieħed ifakkar, inħareġ kontestwalment mal-ftuħ tal-kawża bir-Rikors Maħluf;

Illi fil-fehma tal-Qorti, ma jirriżultawx l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, l-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat.  Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih;

Illi, kif ingħad, l-eżekutat jillimita ruħu biex jgħid li l-Bank eżekutant mexxa kontra tiegħu bil-ħruġ tal-Mandat bla ebda ġustifikazzjoni u b'mod abbużiva.  Min-naħa tiegħu, l-Bank eżekutant jisħaq li l-eżekutat mexa b'qerq u induċih biex jagħti l-faċilita' bankarja fuq bini li ma kienx jiswa daqs kemm kienet is-somma tal-faċilita' li ntalbet għax-xiri tiegħu;

Illi huwa minnu li l-eżekutant ħa r-riskju li jippunta sebgħu lejn l-eżekutat, iżda jekk 'il quddiem tul is-smigħ tal-kawża se' joħroġ li dan għamlu bla kont, ta' dan jista' jħallas il-

[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

prezz bi proċeduri xierqa li l-eżekutat jista' dejjem jieħu fis-sedi xierqa u bil-meżżi li l-liġi tagħtih;

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutant kellu u għad għandu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrent eżekutat;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[15]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[16];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent eżekutat, billi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontrih;

Mogħti kameralment illum, it-22 ta' Awissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[15] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)